# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Nazzareno Ferriggi**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Nazzareno Ferriggi** ID 177569M u li permezz tagħha huwa ġie akkużat (in suċċint) talli kkommetta

1. r-reat li oħrajn beżgħu li ser tintuża vjolenza kontrihom ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali;
2. inġurji jew theddid fil-forma kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
3. dagħa fil-pubbliku bi ksur tal-Artikolu 342 tal-Kodiċi Kriminali;
4. l-ksur tal-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;

5. kiser sentenza ta' din il-Qorti imposta fuqu wara li kien ġie kkundannat għal reat b'sentenza li kienet saret definittiva tal-14 ta' Lulju 2015 u dan bi ksur tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-Prosekuzzjoni resqet provi li jikkonvinċuha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat, fid-data, ħin u lok inkriminati huwa dagħa fil-pubbliku kif ukoll qal kliem inġurjuż fil-konfront tal-parte civile, li mix-xiehda tagħha wriet li hija kienet ħasset l-inkolumnita tagħha, jew ta' qraba tagħha jew tal-proprjeta tagħha mhedda bl-imġieba u kliem tal-imputat. Il-Qorti tqis li t-tieni, tielet u r-raba imputazzjonijiet ġew soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u li huwa sejjer jiġi misjub ħati tagħhom.

Illi inoltre, jirriżulta li kwantu għall-ewwel imputazzjoni pero l-Prosekuzzjoni minkejja li addebitat ir-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kodiċi

Kriminali, naqset milli tispeċifika terminu ta' żmien suffiċjenti li fih din il-Qorti setgħet issib li l-imputat żviluppa ***course of conduct*** għalbiex din il-Qorti tkun tista' ssib ħtija fir-rigward tal-istess imputazzjoni. Din il-Qorti ma tqisx li l-Prosekuzzjoni ssodisfat il-vot tal-Liġi biss billi għamlet riferenza għal sentenza preċedenti fejn l-imputat kien diġa ġie misjub ħati ta' wieħed mir-reati ipotizzati f'dan il-każ. Għalkemm ġie pruvat li dan ma kienx xi inċident waħdieni bejn il-parte civile u l-imputat, il-Prosekuzzjoni trid tmur lil hinn minn dan il-fatt u minn tal-anqas timputa l-perjodu taż-żmien partikolari fl-imputazzjoni innifisha minn fejn ikun jista' jirriżulta spażju ta' żmien biżżejjed biex il-Qorti tkun tista' tikkonkludi li ġie integrat ***course of conduct*** partikolari u li fih il-Qorti tkun tista ssib li twettaq l-aġir inkriminanti, dment li jkun hemm provi suffiċjenti dwar dan. Biss dan ma seħħx f'dan il-każ. Il-Qorti għalhekk ma tistax issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Illi kwantu għall-ħames imputazzjoni, il-Qorti rat il-verbal reġistrat mill-partijiet matul il-kors tal-kawża fejn ġie mistqarr : -

> Il-partijiet qieghdin jaqblu illi f'dan il-kaz ir-ricediva imputata hija dik li titnissel minn reat kontravenzjonali u mhux delitwali u dan wara li seduta stante l-Qorti vverifikat iz-zewg sentenzi moghtija fil-konfront ta' l-imputat fl-14 ta' Lulju, 2015.

Issa fil-ħames imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat li "ksirt sentenza tal-Qorti imposta fuqek wara li kont gejt ikkundannat ghal reat

b'sentenza li kienet saret definittiva mill-Magt. Aaron Bugeja LL.D. fl-14 ta' Lulju, 2015 u dan bi ksur tal-Art 49 tal-Kap 9."

Għalkemm f'lokuzzjoni kemxejn sibillina, l-Qorti tifhem din l-imputazzjoni fis-sens li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet li kienu imposti fuqu ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2015, u fejn din il-Qorti, f'dik is-sentenza kienet iddeċidiet illi : -

> Għaldaqstant din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali qegħdha ssib lill-imputat Nazzareno Ferriggi ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.
>
> Fiċ-ċirkostanzi tqis li l-piena ideonja għandha tkun dik kontemplata fl-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Carmel Briffa u Carmela Portelli u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, minflok il-piena altrimenti komminabbli minn din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali qegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għall-perjodu ta' sena millum u dan taħt penali t'elf euro (€1000).

Minkejja r-riferenza li saret mill-Prosekuzzjoni għall-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti mhix tqis din l-imputazzjoni bħala li hija talba mill-Prosekuzzjoni sabiex issib lil ħati reċidiv u dan peress li l-imputazzjoni kif formulata ma tagħmilx riferenza sabiex il-Qorti ssibu ħati bħala reċidiv. Il-parti operattiva ta' din l-imputazzjoni tistrieħ fuq il-fatt li l-imputat kiser sentenza mogħtija lilu nhar l-14 ta' Lulju 2015. Din mhix lokuzzjoni li normalment tintuża meta l-Prosekuzzjoni trid taddebita r-reċidiva lil xi imputat, iżda hija varjanti tal-lokuzzjoni li

tintuża mill-Prosekuzzjoni meta trid taddebita l-ksur ta' kondizzjonijiet imnissla minn xi sentenza preċedenti.

Fi kwalunkwe każ, anke jekk *gratia argomenti* l-imputat setgħa kien imputat bħala reċidiv fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, huwa żgur ma jistax jitqies li huwa reċidiv fit-termini tal-Artikolu 53 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu kif ġie verbalizzat bejn il-partijiet, ir-reċidiva setgħet titnissel biss minn reati ta' natura kontravvenzjonali u l-fatti f'dan il-każ ma jissodisfawx il-vot tal-imsemmi Artikolu.

In bażi għax-xiehda tal-parte civile, din il-Qorti hija soddisfata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kiser il-kondizzjoni imposti fuqu fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2015 ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

# ***DECIDE***

Li wara li rat l-Artikoli 17, 338(dd), 339(1)(e), 342, 383 u 387 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li ssib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena (u filwaqt li mhix qegħda tqis lill-imputat bħala) reċidiv, issibu ħati tat-tieni, tielet, raba' u l-ħames

imputazzjoni (fis-sens li huwa kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali bis-sentenza preċedenti tal-14 ta' Lulju 2015). Illi kwantu ta' piena, relattivament għat-tieni, tielet u raba' imputazzjonijiet il-Qorti tikkundannah għal ammenda totali ta' mitt euro (€100) u wara li rat l-Artikolu 387(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna li s-somma li għaliha obbliga ruħu jiġifieri l-ammont ta' elf euro (€1000) tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Inoltre, sabiex il-Qorti tipprovdi għall-protezzjoni tal-parte civile Carmelo Briffa u Carmela Portelli wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali torbot lill-ħati sabiex bl-ebda mod ma jimmolestja jew jivvessa fit-termini tal-istess Artikolu lill-parte civile u dan għal perjodu ta' sena millum.

***Mogħtija fit-18 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***